MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Numru 701/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**

**vs**

**ANDREW CASSAR**

**Illum 3 ta' Novembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom **Andrew Cassar** ta' 19-il sena, bin Michael Angelo u Agnes nee` Micallef, imwieled Pieta`, fit-13 ta' Lulju 1985, u residenti: 51, 'Casa Anag', Triq Carlo Maratta, Tarxien; Detentur tal-karta ta' l-Identita` bin-numru 361785M gie akkuzat:

Talli fit-13 ta' Lulju 2004 u fil granet ta' qabel f'Hal Tarxien, f'San Gwann, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer u permezz tal-website: *acsmalta.vze.com* b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda

1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq u cioe` *DVDs (movies)*; ecc, u dan bi ksur ta artikolu 298(1)(f) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. bi qliegh jew bi skop ta kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe` *DVDs*, ecc bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe` *Twentieth Century Fox Film Corporation* u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta` ***Patrick J. Galea Advocates*** rappresentata minn Dr. Patrick J. Galea LL.D. *et* hija rappresentanti, protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298B(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll, il-Qorti giet mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti. Kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-Andrew Cassar ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala dok. BZ3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ l-20 ta’ Ottubru, 2004 l-imputat ammetta l-akkuzi.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Bernard Zarb iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 298(1)(f) u 298B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Andrew Cassar, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta` tenera ta’ l-imputat, il-fedina penali netta ta’ l-imsemmi imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, tillibera lill-imsemmi imputat taht il-provvediment ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti, tordna l-konfiska u distruzzjoni ta’ Dok. MB1, Dok. MB2, Dok. MB3, Dok. MB5, Dok. MB6, Dok. MB7, Dok. MB8, Dok. MB9, Dok. MB14 u Dok. MB15 kif ukoll tordna l-konfiska ta’ Dok. MB4 u Dok. MB12 u in kwantu ghal Dok. MB11 tordna l-konfiska taz-zewg *computers* filwaqt li tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tat-tliet *hard disk drives*. Ghall-fini ta’ tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati.

In kwantu ghal Dok. MB10 minn ezami tal-provi prodotti (Ara Relazzjoni ta’ l-Espert Martin Bajada Dok. MB pagna

5), jirrizulta li l-oggetti esebiti bhala Dok. MB1 m'ghandhomx jigu konfiskati.

Inoltre l-Qorti qed taghti lill-imputat Andrew Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti, in kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni li l-Qorti tapplika l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi l-Qorti rat li l-esperti nominati kienu gew nominati fl-Inkjesta u mhux fil-kawza, ghalhekk tichad it-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------